MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 228/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Bonello)**
**Vs**

**Omissis**
**Aaron John Cauchi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-17 t'Ottubru, 2004 ghall-habta tal-5.30 p.m. fil-Marsa :**
**1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, hebb ghal PC 319 Emanuel Vella w ikkagunalu griehi ta' natura gravi w permanenti fuq il-persuna tieghu**

**skond kif iccertifika Dr. C.M. Falzon M.D ta' l-Isptar San Luqa;**
**2) hebb ghal PS 1113 Emanuel Aquilina w ikkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Cecilia Farrugia M.D. ta' l-isptar San Luqa;**
**3) ma kienx liebes is-'seat belt' waqt li kien gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAM-184;**
**4) kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 96(b), 216, 217, 221(1) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, ir-Regolamenti tat-Traffiku w il-fedina penali netta u l-ammissjoni fl-ewwel seduta tal-kawza, sabet lill-imputat hati imma ma kkundannatux ghal piena karcerarja izda illiberatu taht il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih rispettivament, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 446, illiberatu taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghal zmien tlett snin, u minflok, tinfliggi l-piena ta' prigunerija effettiva skond il-ligi b'mod li taghmel vera gustizzja mal-fattispecie tal-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-appellant;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti li minnha jidher li hu ncensurat.**

**Bi qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza semghet ix-xhieda tal-Ispettur Mario Bonello;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi dan huwa appell ta' l-Avukat Generali minn provvediment li tat l-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin a tenur tal-Artiklu 22 tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kif irrizulta mix-xhieda ta' l-imsemmi Spettur Bonello hu kien seduta stante u "in open Court", irrimmetta ruhu ghat-talba tad-difiza biex, stante l-kondotta ncensurata tal-appellant u l-ammissjoni bikrija tieghu jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446.**

**Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza citata fir-rikors tal-appell u cioe' "Il-Pulizija vs Manuel Borg" (App. Krim. 1-2002) li f'kazijiet ta' feriti fuq il-persuna partikolarment feriti gravi, il-piena xierqa ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dan aktar u aktar meta l-vittma tkun membru tal-Korp tal-Pulizija li jigi ferut waqt il-qadi ta' dmirijietu u li ghandu kull dritt li jistenna l-protezzjoni tal-Qrati fit-twettieq tad-dmirijiet tieghu.**

**Pero' peress li kif irrizulta l-ispettur prosekutur quddiem l-ewwel Qorti, mid-dehera injora ghal kollox dawn il-fatturi w rrimetta ruhu ghat-talba tad-difiza li minflok il-piena kalcerarja stabbilita jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u dan pogga lill-Ewwel Qorti f'sitwazzjoni li difficilment setghet taghmel dak li qed jitlob l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell odjern u peress ukoll li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, fejn si tratta ta' appell fuq il-piena, din il-Qorti normalment ma tvarjax id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena sakemm din ma tkunx manifestament sproporzjonata jew inkellha barra mill-parametri tal-ligi u peress ukoll li kif jaccetta l-istess appellant, il-provediment moghti mill-ewwel Qorti seta' jinghata legalment din il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti li**

**x'aktarx setghet giet influwenzata mill-fatt li l-istess ufficjal prosekutur ma nsistix ghall-piena kalcerarja izda minflok irrimetta ruhu kif fuq intqal.**

**Konsegwentement dan l-appell m'ghandux jigi milqugh u l-Qorti qed tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------